MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Numru. 1302/2009

**Illum 3 ta’ Frar 2012**

**Il-Pulizija**
**Spettur Anna Marie Micallef**

**vs**

**Stefan Deguara**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Stefan Deguara ta’ 34 sena bin Carmel u Georgina nee’ Galea, mwieled l-Pieta’ nhar l-24 ta’ Dicembru 1974 u residenti Manjoy, Flat 1, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 87675(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-13 ta’ Dicembru 2009, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofs inhar (14:30hrs) f’dawn il-gzejjer u cioe gewwa tas-Sliema u aktar tard gewwa San Gwann;

1. Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita’ tieghu nnifsu, lil xi hadd u cioe Nadine Schauf thallas xi dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew li fixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu u cioe billi appropja ruhu minn telefon cellulari u lap top;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Nadine Schauf f’periklu car, ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Nadine Schauf;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Nadine Schauf;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd u cioe lil Nadine Schauf taghmel, thalli jsir jew tonqos mill taghmel xi haga;

5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe lil Nadine Schauf biza’ li ser tintuza vjolenza fuq persunitha jew il-propjeta’ taghha;

6. Fl-istess data ,lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddab jew qabad armi ohra kontra Nadine Schauf;

7. Fl-ahhar nett li sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberatu bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta’ Dicembru 2009 (esebit *a folio* 4 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-14 ta’ Dicembru 2009 l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat in-Noti ta’ Sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-13 ta’ Dicembru 2009 Nadine Schauf ghamlet rapport fl-Ghassa ta’ San Giljan li ftit tal-hin qabel waqt li hija kienet qed taghmel manuvra ta’ reverse bil-vettura taghha f’High Street, Tas-Sliema hija laqtet il-vettura misjuqa minn ragel li gie identifikat bhala l-imputat fil-kawza odjerna, Nadine Schauf li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta’ Dicembru 2009 qalet li l-imputat mar fuqha, hatafha minn ghonqa u nizzilha mill-vettura taghha, huwa hadilha c-cwievet tal-vettura u hadha sabiex tara xi hsara kienet ghamlitlu fil-vettura tieghu talabha sabiex thallsu. Schauf qalet li dak il-hin ghaddiet vettura minn hdejhom u l-imputat inhasad u ghaddilha lura c-cwievet izda huwa tela’ maghha fil-vettura taghha fejn kellha mobile phone u laptop u huwa hadhomlha u gieghlha ssuq lejn ATM sabiex tigbed il-flus u thallsu. Schauf qalet li hija qalet lill-imputat li ma kellhiex il-flus il-bank u saqet lejn id-dar taghha f’San Gwann. L-imputat dahal maghha kemm mill-bieb tal-common entrance tal-flats fejn toqghod kif ukoll milll-bieb tal-flat u huwa mbotta l-bieb u dahal maghha u mbaghad qaghad jistenna fl-intrata. Schauf tghid li fil-flat kien hemm il-flatmate taghha u huma cemplu lil Pulizija  u hija harget tghid lil Deguara li ma kellhiex flus x’taghtih. F’dan l-istadju Deguara qabad il-laptop u l-mobile phone u telaq jigri bihom. Schauf griet warajh u

malli hargu fit-triq waslu l-Pulizija fuq il-post li arrestawh. Fl-istqarrija li l-imputat irrilaxxja lil Pulizija u li tinsab inserita a fol. 9 u 10 tal-atti processwali l-imputat ammetta li kien agixxa bil-mod indikat minn Schauf u qal li kien ha il-laptop u l-mobile phone bhala garanzija ta’ pagament ghall-hsarat li Schauf kienet ikkagunatlu fil-vettura tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet finali taghha d-Difiza lejalment issottomettiet li salv ghall-imputazzjoni fejn l-imputat qed jigi akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta’ Probation Order, l-imputazzjonijiet l-ohra kollha jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi. Il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz effettivament jirrizultalha li l-imputazzjonijiet kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni salv ghas-seba’ (7) imputazzjoni lkoll jirrizultaw pruvati. Mix-xhieda ta’ Nadine Schauf kif ukoll minn provi ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz fil-fatt jirrizulta li fid-data, lok, u hin indikati fic-charge sheet l-imputat ikkometta r-reat ta’ ragion fattasi, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Nadine Schauf, arresta illegalment lill-istess Nadine Schauf, uza vjolenza sabiex igieghel lill-istess Nadine Schauf taghmel xi haga u kkaguna biza’ fl-istess Schauf li ser issir vjolenza fuq il-persuna jew il-propjeta’ taghha. Irrizulta wkoll li huwa hedded lil Schauf bi hwejjeg iebsin.

Ikkunsidrat:

Illi in sostenn tas-seba’ (7) imputazzjoni l-Prosekuzzjoni esebiet kopja legali ta’ sentenza tal-21 ta’ Dicembru 2008[1] fejn hemm indikat li l-imputat tpogga taht Ordni ta’ Probation izda fejn la hemm indikat l-perijodu ta’ validita’ tal-Ordni ta’ Probation u fejn l-anqas ma hemm indikati x’inhuma l-kundizzjonijiet tal-Odni tal-Probation. Il-Qorti fic-cirkostanzi taqbel li l-imputat ma jistghax jinstab hati bi ksur ta’ kundizzjonijiet imposti fuqu taht Ordni ta’ Probation meta la jirrizulta x’kienu l-kundizzjonijiet u l-

[1] Inserita a fol. 50 tal-atti processwali.

anqas jirrizulta jekk efftettivament l-Ordni ta' Probation kienx ghadu operattiv meta l-imputat ikkommetta r-reati li bihom jinsab akkuzat fil-proceduri odjerni. Ma jirrizulta li giet esebita ebda sentenza ohra ai fini tal-imputazzjoni ta' recidiva u ghalhekk il-Qorti ma tistghax tqis li s-seba' (7) imputazzjoni tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Ikkunsidrat:

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat fit-tul dwar x'tista' tkun l-aktar piena idoneja u hadet in konsiderazzjoni x-xhieda tal-Probation Officer Chantelle Avellino kif ukoll ir-rapport tal-Psikjatra kuranti tal-imputat, Dr. Ethel Felice[2] minn fejn jirrizulta li l-imputat ibati minn problemi psikjatrici konsistenti fil-bi-polar disorder liema disorder jeffetwa l-agir tieghu b'mod sostanzjali. Il-Qorti nnutat ukoll li kemm il-Probation Officer kif ukoll Dr. Ethel Felice spjegaw li f'din l-ahhar sena l-imputat qed jiehu l-kura mehtiega sabiex itaffi l-konsegwenzi tal-kundizzjoni tieghu u li ghalhekk is-sitwazzjoni immiljorat hafna. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti jidrilha li l-imputat ghandu jkompli jinghata l-ghajnuna sabiex jelimina l-effetti tal-kundizzjoni li huwa jsofri minnha, u li jekk tigi mposta piena karcerarja dan la jkun ta' beneficcju ghalih u l-anqas ghas-socjeta' in generali ghaliex ikun ta' benficcju ghas-socjeta' jekk l-imputat ikompli jinghata l-ghajnuna sabiex jeghleb il-problemi mentali tieghu sabiex b'hekk ma jergax jikkommetti reati ohra bhal dawk li taghhom ser jinstab hati fil-proceduri odjerni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 85, 221, 86, 87, 251B(1), 251 u 339(1)(b) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel Ordni ta' *Probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati Stefan Deguara taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

---

[2] Inserit a fol. 94 tal-atti processwali.

1. Li matul il-perijodu ta' *probation* ta' tlett (3) snin Stefan Deguara ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Stefan Deguara kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Stefan Deguara ghandu javza mmedjatament lill-Ufficjal tal-*Probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.
4. Stefan Deguara ghandu jkompli jiehu l-kura kollha indikata mill-psikjatra kuranti tieghu Dr. Ethel Felice sabiex jeghleb il-problemi mentali li jsofri minnhom.

Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

**ORDNI TA' PROBATION**
*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat: DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum: 27 TA' JANNAR, 2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs**

**Stefan Deguara**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, **Stefan Deguara**
gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-0rdni ta' *Probation*;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' **tliet (3) snin** ikun jista jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Ghalhekk **tordna** li l-hati **Stefan Deguara** li joqghod Manjoy, Flat 1, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' numru 87675(M) ikun ghal perjodu ta' **tliet (3)** millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficcjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandhu/a j/tirraporta bil-miktib lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull **sitt (6) xhur/sena**.

3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-ufficcjal tal-probation b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-Probation skond id- direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-*Probation Services* ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

……………………………………
(firmat tal-persuna mqeghda
taht probation)

……………………………………

D../Registratur

**KRIM/09/11/ragel**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------